# Ismijiet u Laqmijiet ta' Nħawi fil-Birgu.

Lorenzo Zahra

Fl-imgħoddi, il-Birgu tagħna ma kellux ismijiet fit-toroq bħalma għandna llum. Dan jidher mill-fatt li meta l-Kappillan kien idur il-familji biex jara l-istat ta' l-erwieħ tal-parruċċani tiegħu, kien jirreġistrahom bl-alfabett. Hekk sar sa l-aħħar tas-seklu 1800, meta mbagħad bdejna nisimgħu bil-pjazza, bl-inħawi tal-bieb ewlieni, u bi kwartieri ta' bini.

Infatti, fis-sena 1780-81 niltaqgħu mal-inħawi tal-kunvent, tas-sur, tas-sur tal-bandiera, tal-monasteru l-qadim, l-inħawi lejn Kastilja, l-Mandraġġ, u l-ħabs ta' l-Isqof. Imma dik il-ħabta bdew jitfaċċaw xi ismijiet ta' toroq, bħal: Triq San Filippu, Triq Sant'Antnin, Triq Alessandrija, u Triq il-Palazz tal-Gvernatur. Mal-miġja ta' l-Ingliżi bdejna nsibu l-ismijiet tat-toroq b'mod regolari. Hekk, fis-sena 1808 kellna dawn l-ismijiet:

**Strada della Chiesa Parrocciale S. Lorenzo,**
**Strada Irlandeże** (mlaqqma Ta' Żwejta),
**Strada Dietro il Convento,**
**Strada della Porta Maggiore,**
**Strada del Bastione dello Standardo, o di San Giovanni,**
**Strada Alessandina,**
**Strada Palazzo del Vescovo,**
**Strada di Castiglia - Brittanica,**
**Strada del Palazzo Inquisitoriale,**
**Strada Maestrale,**
**Strada Tramontana,**
**Strada Libeccio,**
**Strada Levante,**
**Strada dietro il Quartiere,**
**Strada del Monastero,**
**Strada S. Scolastica,**
**La Prima Zenqa,**
**La Seconda Zenqa,**
**Strada S. Filippo,**
**Strada Miratore,**
**Strada Priggione,**
**Strada S. Antonio,**
**Strada S. Giorgio,**
**Strada Desain,**
**Strada Antica,** u
**Strada Mandraggio.**

Iżda mbagħad kellna l-laqmijiet ta' l-inħawi, uħud nafuhom sewwa, imma li issa bit-tibdil qed jgħosfru. Hawn se nsemmuhom u se nispjegaw ftit fil-qosor:

**1) Il-Ballett:** F'tarf Triq S. Lawrenz lejn in-naħa ta' Sant'Anġlu fejn jingħad li beda l-Karnival.
**2) L-Imġarraf:** Illum it-Telgħa tal-Bieb Ewlieni. Billi l-inħawi ġġarrfu wara l-isplużżjoni tal-1816, il-post hekk ġie msejjaħ.
**3) Il-Ħawli:** Jingħad li hemm kienet tgħix familja b'dan il-laqam, u li aktarx kienet Żabbarija.
**4) Il-Prexxa:** Is-sur ta' wara l-Iskola Lorenzo Gafa. Dan għaliex it-Torok fl-Assedju nifdu s-sur u daħlu fl-ewwel parti billi għamlu fetħa.
**5) Il-Fortini:** Illum *St. Lawrence Parade Ground*. Dan sar meta fil-Birgu kellna għadd ta' suldati li għamlu dan il-post għall-parati militari.
**6) It-Toqba l-Qadima :** *Infirmary Sally Port*. Bieb żgħir lejn il-baħar mnejn kienet tingħata l-għajnuna lid-difensura ta' Sant Iermu fl-Assedju. Kienet saret toqba fis-sur.
**7) It-Toqba l-Ġdida:** *Bighi Sally Port*. Din saret meta l-għolja ta' Bighi saret sptar navali lejn is-sena 1830, u biex isir passaġġ kienet saret toqba fis-sur biex isir traġitt bil-baħar.
**8) Il-Mandragg ta Sant'Anġlu:** Il-Boat Cambre ta' bejn il-Birgu u Sant'Anġlu kienet hekk imsejħa għax kienet kenn għad-dgħajjes u bċejjeċ tal-baħar. Il-post kien ukoll magħruf bħala **x-**
**9) Xatt tan-Nazzarenu.**
**10) Il-Mandraġġ:** Hekk kienet imsejħa *Strada Antica*. Kienet *slum area* tassew qadima u qabel sar is-sur t'Allemanja kien post fejn jinġibdu l-opri tal-baħar.
**11) Il-Mina tal-Kapuċċini:** *Gate of Auvergne* jew *Porta d'Alvernia* li tagħti għall-kunvent tal-Kapuċċini.
**12) Il-Mina tal-Qassatat:** Kienet il-mina ta' ħdejn il-*Cafe' Riche* li nqerdet meta fl-1947 saret fetħa fis-swar biex tħaffef it-traffiku lejn il-Kalkara. Quddiemha kien hemm foss u pont tal-ġebel.
**13) Fuq il-Fosos:** Wara Sant'Anġlu fejn kien il-ħabs ta' l-Ilsiera kien hemm il-fosos tal-qamħ li minnhom il-post ħa l-laqam.
**14) Is-Sur tal-Kurdara:** Triq it-Torri San Ġwann. Dan billi f'dan il-post kienu jaħdmu l-ħbula fuq il-pjattaforma li fl-1950 tneħħiet.
**15) It-Torri ta' l-Istandard:** It-Torri San Ġwann hekk kien imlaqqam, filwaqt li anke t-torri ta' Sant'Anġlu li l-Ingliżi laqqmuh *Saluting Battery* kien oriġinarjament torri ta' l-istandard.
**16) Fejn sabu s-Sinjur:** *Couvre Porte* billi hemm instab il-pissidi misruq mill-knisja ta' Santa Tereża f'nofs is-seklu 19.
**17) L-*Arches*:** Dan il-post jinsab taħt *Couvre Porte* fejn hemm l-imħażen mibnija mill-Ammiraljat. Dawn saru fil-bidu tas-seklu 19.
**18) It-Triq tal-Lunzjata:** Hekk aktarx magħrufa *Main Gate Street*.
**19) It-Triq ta' l-Iskola:** Dik li fi żmien l-Ordni kienet *Strada di Castiglia*, fi żmien l-Ingliżi saret *Strada Brittanica*; u issa saret Triq Hilda Tabone. Fit-triq kienet l-iskola li wara sarte il-fabbrika ta' l-għamara tan-Naru.
**20) Triq ta' Lhud:** *Old Governor's Palace Street* dari kienet il-*Ghetto* tal-Lhud u hekk baqgħet imlaqqma.
**21) Il-Pjazza:** Qatt ma kienet misraħ għax dejjem kienet il-post fejn jiġu mlaqqa' s-suldati għad-difiża tal-belt.
**22) Il-Pjazzetta:** Kienet il-post fejn jiltaqgħu in-nies tal-Birgu.
**23) Ħobża u Tuba:** Kien fejn illum huwa l-*Access* mibni mill-Inġinier Ingliż. Hemmhekk, xi żgħażagħ Maltin kienu jmorru suldati għal biss xi ġranet, kemm jaqilgħu x'jieklu.
**24) Fuq San Filippu:** Dari l-inħawi tal-Knisja ta' San Filippu hekk kienu msejħa.
**25) Ix-Xgħira:** Hekk kienet imsejħa Pjazza Santa Margerita.

**26) Id-Daħla:** Fil-pjazza kellna d-daħla li proprjament kienet *Strada Desain.*

**27) Is-Suq tal-Ħut:** Illum Fosse Street billi dari kien hemm suq tal-ħut li sar fl-aħħar snin tas-seklu 19,. Illum saru garaxxijiet. Hawnhekk wieħed isib bini msejjaħ **ir-Rukella** imma li dari kien magħruf bħala **id-Dwana l-Qadima.**

**28) It-Triq ta' Falzuna:** li kienet *Strada Nuova*, issa Triq Paċifiku Scicluna.

**29) Il-Ġenna:** Wara l-Oratorju tad-Duluri, jew kif imsejjaħ ukoll, tal-Kurċifiss, hemm kamra fejn dari kienu jintrefgħu il-vari tal-Gimgħa l-Kbira u li jgħidulha il-Ġenna.

**30) L-Għar tal-Paġġi:** Taħt is-sur tal-Posta ta' l-Ingilterra kien hemm dan l-għar fejn kienu jgħumu il-paġġl tal-Gran Mastru.

**31) Ix-Xatt Iż-Żgħir:** Billi meta ġew l-Ingliżi ħadu x-xtut kollha, kienu ħallewlna xatt żgħir quddiem il-knisja ta' San Lawrenz fejn dari kien il-pont tal-laneċ.

**32) Ix-Xatt tal-Karmnu :** Quddiem il-knisja tal-Karmnu. Illum għalquh għall-poplu tal-Birgu.

**33) Is-Sur tal-Miratur:** Wara l-Labatija, parti mis-sur tal-Posta t'Allemanja. Xi drabi l-post jissejjaħ ukoll **is-Simenta**.

**34) Ras il-Knejjes:** Qabel ġew il-Kavallieri, fejn tinsab il-parroċċa hekk kien imsejjaħ billi kien ċimiterju b'għadd ta' kappelli zgħar. Imma dan skond ma kiteb Bosio.

**35 Il-Blata:** Taħt is-sur ta' Kastilja. Diżgrazzjatament illum maqjel għall-annimali. Jgħidulu iż-*Zoo* ta' Malta.

**36 L-Infetti:** Isem komuni f'bosta nħawi fejn dari kien ikun ċimiterju għall-mejtin bil-pesta. Fil-Birgu llum il-post sar skola tal-Gvern imsejħa Santu Rokku billi hekk kien imsejjaħ lċ-ċimiterju.

**37) It-Taraġ tal-Bdoti:** Dari fuq is-sur tat-Toqba, int u nieżel minn Triq San Filippu, hekk kien imsejjaħ għax kienu jiltaqgħu hemm il-bdoti tal-Port.

**38) It-Taraġ tat-Taljani:** Fi Triq Santa Skolastika hemm taraġ dejjaq għal fuq is-sur tat-toqba li hekk kien imsejjaħ.

**39) Palazz Battina:** Fi Triq San Giorgio. Il-palazz tan-nobbli Testaferrata ħa t-titlu tas-Sinjura Bettina li kienet waħda mid-dami tar-Reġina ta' Napli.

**40) Il-Palazz tas-Sinjura Katin:** Dan inqered fil-gwerra u minfloku nbnew id-djar. Kien palazz ta' familja nobbli li serva bħala kunvent, u fabbrika ta' l-għamara tal-familja msejjħa "Ta' Għattan".

**41) It-Triq ta' Żwejta:** Hekk kienet magħrufa *Strada Irlandese* li issa saret Triq Lorenzu Dyer.

**42) L-Abatija l-Qadima.**

